## 16 ta' Novembru, 1956

## Imħallfin:

### Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;* Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., L.L.D. Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Giuseppe Muscat et. *versus* Giuseppe Bugeja et.

### Servitù — Passaġġ — Tibdil fl-Eżerċizzju tas-Servitù — Prova — Art. 511 u 495 tal-Kodiċi Ċivili

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tivvjeta lill-proprjetarju tal-fond serventi li jagħmel ebda ħaġa li tnaqqas l-użu tas-servitù, jew li jirrendiha iżjed inkomodu, jew li jbiddel l-istat tal-fond, jew li jittrasferixxi dak l-użu minn post għal ieħor li ma kienx dak ta' qabel, tinsab modifikata mill-istess liġi fis-sens illi, jekk l-eżerċizzju tas-servitù fil-parti jew fuq il-parti tal-fond li fil-bidu tkun ġiet destinata, isir ta' xkiel akbar għas-sid tal-fond serventi, jew jekk dan is-sid ma jkunx jista', minħabba dak l-eżerċizzju, jagħmel xogħolijiet, tiswijiet, jew miljoramenti fil-fond tiegħu, hu jista' joffri lil sid il-fond dominanti parti oħra xorta waħda tajba għall-eżerċizzju tas-servitù; u dan ma jistax jirrifjutaha.*

*Il-kondizzjonijiet li hemm bżonn jirrikorru biex din il-modifikazzjoni eċċezzjonali tista' sseħħ huma, għalhekk, (1) illi l-eżerċizzju tas-servitù fil-lok oriġinarju jirrendi dik is-servitù aktar oneruża, jew jimpedixxi lil sid il-fond serventi li jagħmel fih xogħolijiet, tiswijiet, jew miljoramenti, u (2) illi l-fond dominanti ma jiġix preġudikat mit-tibdil tal-lok għall-eżerċizzju tas-servitù.*

*Għaldaqstant, is-sid ta' fond li hu suġġett għas-servitù ta' passaġġ favur fond ieħor jista' jiddestina għall-eżerċizzju ta' dak il-passaġġ parti oħra tal-fond serventi, jekk dan it-tibdil hu jagħmlu għax ikollu vantaġġ jew interess li jagħmlu, u jekk b'dan it-tibdil huwa ma jikkaġuna ebda preġudizzju lill-fond dominanti, anzi javvantaġġjah.*

*Imma bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi favorevoli għalieħ, il-proprjetarju tal-fond serventi ma jistax jeżerċita minn rajħ it-tibdil fis-servitù, mingħajr ma jinterpella lill-proprjetarju tal-fond*

*dominanti, u, fil-każ li dan jirriżjuta jagħti l-kunsens tiegħu għal dak it-tibdil, mingħajr ma jirrikorri lill-Qorti biex ibiddel il-post oriġinali tas-servitù. Hu jista' biss "joffri" lill-proprjetarju tal-fond dominanti post ugwalment komodu għall-eżerċizzju tas-servitù, u fil-każ li din l-offerta ma tiġix "aċċettata", għandu jottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti; għax ma jistax jispolja lill-viċin mill-pussess tas-servitù.*

*Kwantu għall-forma, dan il-kunsens tas-sid ma hemmx bżonn li jirriżulta minn att publiku; u lanqas hemm bżonn, biex ikollu effett quddiem it-terzi t-tibdil fl-eżerċizzju tas-servitù, li jiġi nskritt fir-Reġistru Publiku. L-att publiku u l-inkrizzjoni fir-Reġistru Publiku huma rikjesti meta si tratta minn titolu li "joħloq" is-servitù, u mhux li "jimmodifika" l-eżerċizzju tagħha. U għalhekk hu biżżejjed li l-kunsens ta' sid il-fond dominanti għat-tibdil fl-eżerċizzju tas-servitù jirriżulta minn provi testimonjali.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-atturi, premess kwalunkwe provvediment relattiv, billi in segwitu għas-suċċessjoni mill-ġenituri tagħhom f'żewġ sesti ndiviżi u għall-akkwist ta' żewġ sesti ndiviżi oħra, u fl-aħħarnett in segwitu għall-akkwist taż-żewġ sesti ndiviżi rimanenti l-oħra fl-atti tan-Nutar Francesco Catania tas-7 mix-xahar ta' Marzu 1913 (dok. A), jiġifieri waqt iż-żwieġ tal-imsemmi Filippo Muscat mal-instanti Crocefissa Muscat, li hija wkoll użufruttwarja universali ta' ġidu, l-imsemmijin Giuseppe u Filippo aħwa Muscat saru jippossjedu l-intier tal-parti distinta tal-fond urban f'Had-Dingli, allura mingħajr numru, u attwalment b'bieb għall-imsemmija triq immarkat bin-numru 1, consistenti f'passaġġ mill-bitħa li jagħti għall-bieb fuq imsemmi, liema bitħa tifforma parti ta' porzjoni oħra mill-istess fond, f'dawra żgħira ċirkondata minn ħitan tas-sejjiegħ, u li tidħol għaliha mill-istess bitħa, dina l-bitħa ta' ġewwa suġġetta għad-dritt ta' passaġġ versu l-porzjoni l-oħra, maqjel bil-passaġġ għalieħ mill-istess bitħa, bil-ġus u pertinenzi l-oħra kollha, kif jnsabu aħjar u dettaljatament deskritti fl-istess att ta' akkwist (dok. A); u billi mill-imsemmi jum tal-istess l-aħħar akkwist sa tliet snin ilu, jiġifieri għal aktar minn tletin sena, dana l-fond, kif ikun

pruvat, baqa' kif kien fl-istess jum 7 ta' Marzu 1913, iżda xi tliet snin ilu, meta l-konvenuti bnew fuq fond kontigwu, huma mhux biss ressqu l-imsemmi bieb, iżda ressqu l-istess passaġġ, li mill-istess bieb jagħti għal ġewwa, u rrestrinġewħ, iżda wkoll, wara li waqqgħu l-fuq imsemmijin ħitan tas-sejjiegħ u bnew ħajt ieħor, f'dan fetħu żewġ bibien li jagħtu għall-fuq imsemmija bitħa, u dan kollu mingħajr il-kunsens tal-instanti u għad-detriment tal-proprjetà tagħhom; talbu (1) li l-konvenuti jkunu kundannati li jirrimettu l-proprjetà tal-atturi fl-istat pristinu tagħha, billi jgħalqu ż-żewġ bibien fuq imsemmijin u jressqu l-bieb stradali fil-pożizzjoni tiegħu oriġinarja, u jwessgħu l-passaġġ għall-wisa' li kellu qabel, taħt dawk il-provvedimenti kollha li jogħġobha tagħti l-Qorti, anki, għall-bżonn, bl-assistenza ta' periti arkitetti, u dana fi żmien perentorju li għall-fini premess jiġi lilhom prefiss; (2) li fil-każ li jiskadi t-terminu prefiss lill konvenuti, u ma jkunux ġew eżegwiti x-xogħlijiet fuq kontemplati, l-atturi jiġu awtorizzati li jeżegwixxu huma, a spejjeż taċ-ċitati, l-imsemmijin xogħlijiet, taħt dawk il-provvedimenti kollha li jgħoġobha tagħti l-Qorti, u għall-bżonn anki taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tal-15 ta' Lulju, 1953;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-20 ta' April 1956, li biha ġew respinti t-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom; wara li kkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-ewwel relazzjoni tiegħu, wasal għall-konklużjoni illi l-bitħa ta' barra biss hija proprjetà tal-konvenut, suġġetta però għad-dritt ta' passaġġ favur l-atturi; illi għall-alterazzjonijiet li għamel il-konvenut Bugeja ma kienx hemm għalfejn jintalab il-kunsens tal-atturi, u dawn ma għandhomx għalfejn jillanjaw kontra tiegħu: illi rigward il-konvenut Tanti, mill-lat materjali u prattiku, l-atturi lanqas għandhom raġuni biex jilmentaw mill-alterazzjonijiet magħmula minnu, peress li huwa, la messilhom il-proprjetà tagħhom, u lanqas naqqsilhom id-dritt tal-passaġġ, li se maj qegħdin jeżerċitaw b'akbar konvenjenza

milli kienu qabel; mill-lat ġuridiku l-perit, ħalli f'idejn il-Qorti biex tiddeċidi jekk, fil-każ ta' Tanti, kienx neċessarju l-kunsens tal-atturi, u, f'każ affermattiv, jekk dan il-kunsens ġiex lilu mogħti mill-atturi;

Illi l-istess perit ġudizzjarju, fir-relazzjoni supplementari, issottometta illi l-konvenut Buġeja kellu mhux biss l-interess li jagħmel l-imsemmija alterazzjonijiet, imma rrikava minnhom il-vantaġġi evidenti mill-perit speċifikati, u li, kieku ma għamelx hekk, Buġeja kien jissepara ruħu mill-proprjetà l-oħra tiegħu, u biex imur għaliha kien ikollu jdur id-dawra minn Strada San Rocco għal Strada Għar Bettija; kwantu għall-konvenut Tanti, l-interess tiegħu li jagħmel l-alterazzjonijiet in kwistjoni kien li jkabbar l-art kemm jista' biex ikun jista' jibni dar ta' daqs sodd isfaċenti, għalkemm mhux kbira, u kieku ma għamelx hekk, id-dar kienet tkun żgħira ħafna, skommoda, bla bir u bla bitħa privata, u kien ikollu l-inkonvenjenza l-oħra tal-passaġġ bejn id-dar u l-maqjel li minnu kienu jgħaddu l-atturi;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali, taqbel mar-raġunamenti sottomessi mill-perit, u tadotta l-konklużjonijiet minnu raġġunti;

Illi bl-alterazzjonijiet li saru, l-atturi jippretendu li ġew aggravati u preġudikati fid-drittijiet tagħhom, u li, anki jekk l-ispażju li minnu l-atturi jgħaddu jappartjeni lill-konvenuti, dawn, qabel ma għamlu t-tibdil, kellhom jirriportaw il-kunsens tal-atturi;

Illi dina l-kwistjoni tiddependi minn kif għandu jiġi nterpretat l-art. 511 tal-Kodiċi Ċivili, li fuqu, apparentement, hija bażata l-azzjoni esperita mill-atturi. Dak l-artikolu jiddisponi illi "is-sid tal-fond serventi ma jista' jagħmel xejn li jista' jnaqqas l-użu tas-servitù, jew li jagħmel li dan l-użu ikun ta' xkiel akbar. Huwa ma jistgħax ibiddel il-kondizzjoni tal-fond; lanqas ma jista' jiddestina għall-eżerċizzju tas-servitu' parti oħra tal-fond diversa minn dik li fiha s-servitu' kienet ġiet stabbilita fil-bidu. Iżda, jekk l-eżerċizzju tas-servitù fil-parti jew fuq il-parti tal-fond li fil-bidu tkun ġiet destinata jsir ta' xkiel akbar għas-sid tal-fond serventi, jew jekk dan is-sid ma jkunx

jista', minħabba dan l-eżerċizzju, jagħmel xogħlijiet, tiswijiet jew miljoramenti fil-fond tiegħu, hu jista' joffri lil sid il-fond dominanti parti oħra xorta waħda tajba għall-eżerċizzju tas-servitu', u dana ma jistgħax jirrifjutaha";

Dina d-dispożizzjoni hija ispirata mill-ekwità, u speċjalment mill-prinċipju illi "quod tibi non nocet et alteri prodest, faciendum est". U Pacifici Mazzoni, fil-komment tiegħu ta' l-art. 645 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, simili għall-artikolu tagħna fuq miġjub, jgħid li dik id-dispożizzjoni "è diretta a proteggere l'interesse generale del miglioramento dell'agricoltura e della proprietà urbana, che potrebbe essere impedito o reso più difficile e costoso dal mantenimento della servitù nel suo stato originario (Servitù Prediali, para. 131);

Illi, però, biex tista' sseħħ id-dispożizzjoni eċċezzjonali fuq miġjuba, hemm bżonn li jirrikorru żewġ kondizzjonijiet, jiġifieri (1) illi l-eżerċizzju tas-servitù fil-lok oriġinarju jirrendi dik is-servitù aktar oneruża, jew li jimpedixxi lil sid il-fond serventi li jagħmel fiħ xogħolijiet, tiswijiet jew miljoramenti, u (2) illi l-fond dominanti ma jiġix preġudikat mit-tibdil tal-lok għall-eżerċizzju tas-servitù;

Kwantu għall-ewwel kondizzjoni, il-liġi ma tindikax ix-xogħolijiet u l-miljoramenti rikjesti mis-sid tal-fond serventi; u għalhekk dawn jistgħu jkunu ta' kwalunkwe natura u entità, basta li jikkostitwixxu għal dak is-sid interess suffiċjenti. Jgħid a propożitu Pacifici Mazzoni: "Quanto all'impedimento di far lavori, opere e miglioramenti nel fondo gravato di servitù......... la detta facoltà compete per qualsiasi specie di lavori che il proprietario del fondo servente vi voglia fare, e per qualsiasi specie di riparazioni di cui quello abbisogni, e per qualunque specie di miglioramenti che presentino un conveniente interesse, acciocchè sia legittimato l'eccezionale diritto" (Servitù Prediali, para. 131, paġ. 230);

Illi minn dana jidher illi, meta jirrikorru l-kondizzjonijiet preskritti mill-liġi, sid il-fond serventi ma għandux bżonn tal-kunsens ta' sid il-fondi dominanti biex jagħmel l-imsemmija alterazzjoni; u difatti, l-art. 511 fuq riprodott

jikkonkludi illi s-sid tal-fond dominanti ma jistgħax jirrifjuta dak it-tibdil. Din hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XVI - I - 71);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ladarba rriżulta illi l-imsemmija żewġ kondizzjonijiet, fil-fehma tal-Qorti, ġew mill-konvenuti soddisfatti, dawn ma kellhomx bżonn tal-kunsens tal-atturi għat-tibdil in kwistjoni. Rigward, mbagħad, il-konvenut Bugeja, kif sewwa osserva l-perit fl-ewwel relazzjoni tiegħu (fol. 74), hu ma għamel xejn li bih illeda d-dritt tal-passaġġ tal-atturi, peress li mill-bitħa ta' barra ma mess xejn, u l-atturi setgħu jkomplu jgħaddu bħal qabel; kull ma għamel kien li bena b'ġebel regolari l-parti tiegħu mill-ħajt immarkat XXX fuq il-pjanta fol. 77, f'lok il-ħajt baxx tas-sejjiegħ li kien hemm qabel, u fih ħalla bieb li mill-proprjetà tiegħu jagħti għall-bitħa tal-istess konvenuti, liema apertura kienet teżisti minn qabel;

Illi, ladarba għal dawn l-alterazzjonijiet ma kienx, skond il-liġi, meħtieġ il-kunsens tal-atturi, ma hemmx bżonn li tiġi nvestita l-kwistjoni sollevata mill atturi, fin-nota tagħhom (fol. 44), dwar jekk dak il-kunsens għandux jirriżulta minn att publiku jew biżżejjed li jkun mogħti verbalment;

Illi mir-relazzjoni supplementari jidher b'mod soddisfaċenti l-interess u l-vantaġġ li għandhom il-konvenuti fit-tibdil in kwistjoni;

Illi, fl-aħħarnett, ma ġiet pruvat illi l-atturi ġew minn dak it-tibdil preġudikati jew imfixkla fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom;anzi, kif osserva l-perit, huma l-lum qegħdin jeżerċitaw id-dritt tal-passaġġ b'akbar konvenjenza minn qabel;

Illi, anki rigward il-kap tal-ispejjeż, għandu jiġi notat illi l-atturi aċċettaw it-tibdil in kwistjoni u damu f'dan l-atteġġjament, kif jammettu huma stess (fol. 3), almenu tliet snin, u b'hekk urew illi ma sofrewx minn dak it-tibdil il-preġudizzju li minnu qegħdin jilmentaw il-lum — apparti ċ-ċirkustanza li kollox sar bil-kuntentizza tagħhom, kif jindikaw il-provi;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, u rat il-petizzjoni tagħ-

hom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu milqugħa t-talbiet tagħhom dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi ċirka tliet snin ilu, qabel ma ġiet promossa din il-kawża, il-konvenuti appellati għamlu l-alterazzjonijiet indikati fl-att taċ-ċitazzjoni fil-fond tagħhom, fejn hemm bitħa, li l-lum biċċa minnha tinsab mibnija, u li fuqha l-appellanti għandhom id-dritt tal-passaġġ biex minnu jgħaddu għal kumditajiet oħra tagħhom, viċini u limitrofi. L appellanti jsostnu li b'dawk l-alterazzjonijiet ġew leżi d-drittijiet tagħhom; u b'din l-azzjoni qegħdin jitolbu li jiġu mneħħija u li kollox jiġi rimess kif kien qabel;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jippretendu li huma għandhom il-komunjoni tal-imsemmija bitħa, u mhux biss id-dritt tal-passaġġ minn fuqha. Iżda dina l-pretensjoni tinsab eskluża tant mill-premessi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni, kemm mill-att tal-akkwist eżibit in kopja fil-fol. 4 tal proċess, kif ukoll mix-xhieda *tal-attriċi Crocefissa Muscat (fol. 29), ta' binha* Carmelo Muscat ........... Stabbilit illi l-bitħa fuq imsemmija hija biss proprjetà tal-konvenuti, suġġetta però għad-dritt tal-passaġġ versu l-imsemmijin beni tal-atturi, għandu jiġi nvestit il-pont jekk bl-alterazzjonijiet fuq indikati ġiex preġudikat dak id-dritt tal-appellanti;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-appellant Giuseppe Bugeja, mill-provi u mill-perizja ma jirriżulta bl-ebda mod li huwa għamel xi ħaġa *li biha seta' jippreġudika lill-appellanti fl-imsemmi* dritt tagħhom ta' passaġġ. Kull ma għamel jikkonsisti filli huwa bena b'ġebel regolari l-parti tiegħu mil-ħajt markat XXX fuq il-pjanta fol. 77, f'lok il-ħajt tas-sejjiegħ li kien hemm qabel, u fih ħalla bieb li mill-proprjetà tiegħu jagħti għall-bitħa li tappartjeni lilu u lill-appellat l-ieħor, u dak il-bieb qiegħdu fil-post fejn minn qabel kien hemm apertura. Kif sewwa ssottometta l-perit ġudizzjarju, l-appellanti ma għandhom ebda raġuni jirreklamaw għal dak li għamel l-

appellat Bugeja, billi huma ma ġewx preġudikati fid-drittijiet tagħhom, u Bugeja seta' jagħmel dak li jrid fi ħwejġu b'vantaġġ kbir għalieh innifsu u mingħajr preġudizzju għalihom;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-appellat Tanti, dana, biex ikun jista' javvantaġġja ruħu u jibni fuq il-bitħa fuq imsemmija, li fuqha l-appellanti għandhom id-dritt tal-passaġġ, ressaq il-bieb li jagħti għal dak il-passaġġ lejn il-proprjetà ta' l-appellanti, b'mod li, kif osserva l-perit ġudizzjarju, l-istess appellanti ma għandhomx raġuni jilmentaw minn dik l-alterazzjoni, billi huwa, la messilhom il-proprjetà tagħhom, u anqas naqqsilhom id-dritt tal-passaġġ; anzi dan id-dritt, bħala effett ta' dik l-alterazzjoni, qegħedin jeżerċitawħ b'konvenjenza akbar milli kienu qabel. Meta l-appellant għamel dak li ngħad fuq, għamlu għax kellu nteress li jkabbar l-art kemm jista' biex jibni dar ta' daqs soddisfaċenti, u kieku ma għamilx hekk, id-dar kienet tkun żgħira ħafna, skommoda, bla bir u bla bitħa privata;

Ikkunsidrat;

Illi d-dispożizzjoni tal-liġi li tivvjeta lill-proprjetarju tal-fond serventi li jagħmel ebda ħaġa li tista' tnaqqas l-użu tas-servitù, jew li jirrendiha iżjed inkomoda, jew li jbiddel l-istat tal-fond, jew li jittrasferixxi dak l-użu minn post għal ieħor li ma kienx dak ta' qabel (art. 511(1) tal-Kodiċi Ċivili), tinsab modifikata mit-tieni paragrafu ta' l-istess artikolu, li jgħid:— "Iżda, jekk l-eżerċizzju tas-servitù fil-parti, jew fuq il-parti tal-fond li fil-bidu tkun ġiet destinata, isir ta' xkiel akbar għas-sid tal-fond serventi, jew jekk dan is-sid ma jkunx jista', minħabba dan l-eżerċizzju, jagħmel xogħolijiet, tiswijiet, jew miljoramenti fil-fondi tiegħu, hu jista' joffri lis-sid tal-fond dominanti parti oħra xorta waħda tajba għall-eżerċizzju tas-servitù; u dan ma jistgħax jirrifjutaha";

Din id-dispożizzjoni ssib il-fondament tagħha fuq il-prinċipji tal-ekwità, billi, kif jgħid ir-Ricci (Corso Teorico-

Pratico di Diritto Civile, Vol. II, par. 463, pag. 607, ediz. 1912), "quando il proprietario del fondo dominante non soffre alcun incomodo per effetto del cambiamento, e questo sia d'altronde vantaggioso al fondo servente, non havvi ragione perchè, per il puntiglio dell'utente la servitù, debba patir danno l'agricoltura o l'industria, a favorire le quali la legge impone appunto la servitù";

Il-kondizzjonijiet rikjesti mill-liġi għall-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni tal-art. 511 (2) tal-Kodiċi Ċivili jirrikorru fil-każ in eżami, billi l-eżerċizzju tas-servitù tal-passaġġ fuq imsemmi kien jimpedixxi lill-appellat Tanti, sid il-fond serventi, li jagħmel il-miljoramenti li għamel fil-fond tiegħu, u billi l-fond dominanti mhux biss ma ġiex preġudikat, iżda ġie avvantaġġjat bit-tibdil tal-lok għall-eżerċizzju tas-servitù. Konsegwentement, Tanti kellu d-dritt kollu li joffri lill-appellanti s-sit li ddestinalhom għall-eżerċizzju tad-dritt ta' passaġġ, mingħajr ma huma setgħu jirrifjutawh;

Ikkunsidrat;

Illi l-proprjetarju tal-fond serventi ma jistax, bis-saħħa tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi favur tiegħu, jeżegwixxi minn rajh it-tibdil tal-passaġġ mingħajr ma jinterpella lill-proprjetarju tal-fond dominati, u, fil-każ li dan jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għal dak it-tibdil, mingħajr ma jirrikorri lill-Qorti biex ibiddel il-post oriġinarju tas-servitù (Demolombe, Dir. Civ. tom.XII, n.902). Il-liġi, meta tippermetti lill-proprjetarju tal-fond serventi li "joffri" lill-proprjetarju tal-fond dominati post ugwalment komodu għall-eżerċizzju tas-servitù, u meta tivvjeta lil dan tal-aħħar li "jirrifjuta" dik l-offerta fil-każi mill-istess liġi preveduti, evidentement timponi lill-proprjetarju tal-fond serventi li jottjeni għal dak it-tibdil il-kunsens tal-proprjetarju tal-fond dominanti, u, f'każ ta' oppożizzjoni, l-awtorizazzjoni tal-Qorti, u tivvjetalu li jispolja lill-viċin mill-pussess tas-servitù (Kollez. Vol. XV, p.400). Hemm bżonn, għalhekk, li jiġi nvestit u riżolut il-punt jekk l-appellat Tanti kellux il-kunsens tal-appellanti meta għamel l-alterazzjoni in kwistjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għall-attur Giuseppe Muscat, fix-xhieda tiegħu (fol. 29) ammetta li ta dan il-kunsens lill-konvenut Tanti; u anzi qal li fuq il-passaġġ ma riedx ifittex. Tanti kien bagħat jitolbu dak il-kunsens per mezz ta' ibnu Matteo, u fuq dik it-talba rrisponda li "seta', basta jħallilna mnejn ngħaddu, u jgħid lil ħadd ieħor, għax hemm ma kienx tiegħu waħdu". Kwantu għall-attriċi Crocefissa Muscat, l-appellant Tanti xehed li bagħat jieħu l-kunsens tagħha per mezz ta' binha Carmelo Muscat, u dan ġieblu r-risposta li kollox sewwa. Id-depożizzjoni ta' Tanti fuq dan il-punt tinsab kontraddetta mill-imsemmi Carmelo Muscat u mill-attriċi Crocefissa Muscat; iżda fiċ-ċirkustanzi tal-każ kif hawn fuq elenkati, u mħabba l-konflitt fl-istess depożizzjonijiet tal-imsemmijin Crocefissa u Carmelo Muscat, il-fehma tal-Qorti hija li x-xhieda ta' Tanti jisthoqqilha tiġi emmnuta iżjed minn tagħhom. Dawn iċ-ċirkustanzi huma dawn li ġejjin:—

*Omissis;*

Illi punt ieħor sollevat mill-appellanti huwa dak li kwalunkwe kunsens li huma setgħu taw għat-tibdil tal-passaġġ fuq imsemmi ma jiswiex u huwa null, għaliex ma sarx b'att publiku. Fuq dan il-pretensjoni, l-appellanti qegħdin jibbażaw ruħhom fuq *id-dispożizzjoni tal-art.* 495 tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxi li t-titolu li biħ tiġi kostitwita servitù huwa null jekk ma jirriżultax minn att publiku, u meta s-servitù hija kostitwita b'att "inter vivos" ma jkollhiex effett rigward it-terzi qabel ma l-att ikun inskritt fir-Reġistru Publiku; —

*Ir-raġuni ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi hija li s-servitujiet predjali huma kunsidrati bħala immobili għall-oġġett li għalieħ jirriferixxu. Iżda fil-każ in eżami dik id-dispożizzjoni ma ssibx l-applikazzjoni tagħha, għaliex hija tikkontempla t-titolu li biħ servitù tiġi "kostitwita", u mhux il-każ ta' "tibdil" minn post għall-ieħor fl-istess fond serventi tas-servitù ta' passaġġ. F'dan il-każ ma "nħolqot" ebda servitù ġdida, imma ġie biss "modifikat" l-użu ta' servitù ġa eżistenti skond id-dispożizzjoni tal- art. 511(2)

fuq ċitat, li għal dik il-modifika jirrikjedi biss l-"offerta" ta' sid il-fond serventi u l-"aċċettazzjoni" ta' sid il-fond dominanti, mingħajr ma jimponi ebda formalità. U lanqas jista' jingħad li dik il-modifika, biex ikollha effett di fronti għat-terzi, kellha bżonn tirriżulta mir-Reġistru Publiku; għaliex, kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in re "Onor. De Petri ne. vs. Cassar", 14 ta' Frar, 1896, (Vol. XV, 394), mhux rikjest "per la inscrizione della costituzione di una servitù la indicazione della estensione e degli effetti della medesima, ma è sufficiente enunciare nella nota la specie della servitù e la menzione dei fondi dominante e servente". U jekk dik l-indikazzjoni mhix rikjesta għall-każ ta' "kostituzzjoni" ta' servitù, "a fortiori" ma hemmx bżonnha għall-"modifika" tal-eżerċizzju ta' dik is-servitù fuq l-istess fond serventi;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba l-appell ma jistħoqqlux jiġi milqugħ;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.